# Ġimgħa ta’ Talb
# għall-Għaqda fost l-Insara 2021

*Ibqgħu fl-imħabba tiegħi*
*u tagħmlu ħafna frott*
(ara Ġw 15:5-9)

Mit-Tnejn 18
sat-Tnejn 25 ta’ Jannar 2021

Kummissjoni Ekumenika Djoċesana
Kurja tal-Arċisqof, Floriana
2021

# WERREJ

Kelmtejn mill-President tal-Kummissjoni Ekumenika
Vaċċin biex negħlbu l-firdiet fost l-Insara

Riflessjoni qasira għal kull ġurnata
mit-18 sal-25 ta' Jannar

Talbiet Penitenzjali

Talbiet tal-Miġemgħa Nisranija

Siti utli għal tagħrif ekumeniku

Is-silta ta' din is-sena – Ġwanni 15:5-9

**5**Jiena d-dielja, intom il-friegħi. Min jibqa' fija u jiena fih, dan
jagħmel ħafna frott; għax mingħajri ma tistgħu tagħmlu
xejn. **6**Jekk wieħed ma jibqax fija, jintrema barra bħal fergħa, u
jinxef; imbagħad, friegħi bħal dawn jiġbruhom u jixħtuhom fin-
nar u jinħarqu. **7**Jekk tibqgħu fija u kliemi jibqa' fikom, itolbu
kulma tridu, u jingħatalkom. **8**Din hi l-glorja ta' Missieri, li intom
tagħmlu ħafna frott u tkunu dixxipli tiegħi. **9**Kif ħabbni Missieri,
hekk ħabbejtkom jiena. Ibqgħu fl-imħabba tiegħi.

Kelmtejn mill-President
tal-Kummissjoni Ekumenika Djoċesana

*Vaċċin biex negħlbu l-firdiet fost l-Insara*

Iż-żmien ma jistenna lil ħadd. Sena ilu, ferħanin qsamna mal-Insara tad-dinja kollha il-materjal li aħna, l-Insara ta' Knejjes differenti ġewwa Malta u Għawdex, konna ħejjejna fid-dawl tas-silta tan-nawfraġju ta' San Pawl Missierna fuq xtutna, u l-laqgħa sabiħa li missirijietna taw lil 276 nawfragu. Il-kliem "Meta ħlisna mill-għarqa, sirna nafu li l-gżira kien jisimha Malta" u "laqgħuna bi ħlewwa liema bħalha" dewa mad-dinja kollha, kulfejn ġew iċċelebrati servizzi ekumeniċi waqt il-Ġimgħa ta' Talb għall-Għaqda fost l-Insara f'Jannar tas-sena 2020. F'Jannar tas-sena li għaddiet, il-Papa Franġisku – għal mhux anqas minn tliet darbiet – ikkummenta fuq is-silta tal-Ktieb tal-Atti tal-Appostli (kap.27 u 28), u dwarna l-Maltin.

Dan kollu jinħass 'il bogħod fiż-żmien, għalkemm ilu biss sena li seħħ. Fejn qatt bsarna dak kollu li għaddejna minnu minn Marzu li għadda? ... u għadna qed inġarrbuh!

Għall-grazzja ta' Alla, il-ħidma ekumenika f'pajjiżna baqgħet għaddejja, għalkemm b'ritmu aktar kwiet. Kienu bosta l-inizjattivi li saru fejn iltqajna virtwalment biex – bħala Nsara minn Knejjes differenti – nitolbu flimkien lill-Mulej biex iħares il-bnedmin kollha mill-pandemija.

Fuq inizjattiva ta' Monsinjur Arċisqof Charles Scicluna li laqa' s-suġġeriment tal-Papa Franġisku, numru ta' mexxejja Nsara hawn Malta ngħaqdu virtwalment, nhar il-25 ta' Marzu 2020, jitolbu t-talba tal-Missierna, kull mexxej mill-Knisja tiegħu. Fl-istess jiem, kienu bosta li laqgħu l-inizjattiva tal-Arċisqof ta' Canterbury, Justin Welby, li jixegħlu xema' f'tieqa u jitolbu għall-bnedmin kollha milqutin mill-pandemija.

Ftit jiem wara Pentekoste, sar – kif isir kull sena – Servizz Ekumeniku ta' talb lill-Ispirtu s-Santu. Li hu interessanti hu li għall-ewwel darba f'pajjiżna, laqgħa bħal din saret b'mod virtwali. L-istess sar, waqt l-Avvent li għadda, nhar l-10 ta'

Diċembru 2020, meta grupp sabiħ ta' Nsara minn Knejjes differenti nġbarna virtwalment biex naqsmu flimkien siltiet mill-Kelma ta' Alla bi tħejjija għall-Milied. Fl-istess jiem, saret laqgħa ekumenika ta' talb fil-parroċċa ta' Għajnsielem, ġewwa Għawdex.

Kien ukoll ġest sabiħ u ekumenikament pożittiv li fis-16 ta' Settembru 2020, nhar il-bidu tal-ministeru pastorali tal-Isqof il-ġdid t'Għawdex, Mons. Anton Teuma, kienu preżenti xi rappreżentanti ta' Knejjes Insara oħra, fosthom is-saċerdot Serb Ortodoss u l-*minister* tal-Knisja tal-Iskoċċiżi.

Kif ħafna jafu, ir-rivista *Flimkien*, ippubblikata kull xahar mill-Kulleġġ tal-Kappillani, u mqassma fid-djar, kellha taqleb għal format diġitali. Għall-ħarga ta' dan ix-xahar, ġejt mistieden mill-Bord Editorjali biex naqsam ħsieb dwar il-Ġimgħa ta' Talb għall-Għaqda fost l-Insara. Peress li jista' jkun li xi wħud minnkom għadhom ma qrawx ir-riflessjoni tiegħi, nixtieq nuża din il-paġna biex intenni punt qasir mir-riflessjoni li ktibt fi *Flimkien*.

*Il-vaċċin għall-għaqda fost l-Insara bdejna nużawh, bejn Marzu u Diċembru 2020, jiġifieri qabel il-vaċċin għall-COVID-19*. Għalkemm mifrudin, bqajna ninġabru virtwalment biex nitolbu għall-għaqda fost l-Insara. Għalhekk, ma nistax ma nwasslilkomx stedina:

Nistedinkom għal Servizz Ekumeniku nhar **il-Ġimgħa 22 ta' Jannar 2021, fis-6.30pm**. Dan is-Servizz mill-Kappella tal-Kurja, Florjana, se jitmexxa mill-Arċisqof Charles J. Scicluna, bis-sehem ta' xi wħud mill-mexxejja ta' xi Knejjes Insara. *Mhux se jkun miftuħ għall-pubbliku* minħabba l-miżuri prekawzjonali li lkoll qed nippruvaw insegwu mill-aħjar li nistgħu.

Għalhekk, is-Servizz se jkun trasmess fuq is-*social media channels* tal-Arċidjoċesi ta' Malta. Għal aktar dettalji, ara l-websajt ta' Church in Malta, kif ukoll l-avviżi fil-gazzetti.

It-tema għal din is-sena hi *Ibqgħu fl-imħabba tiegħi u tagħmlu ħafna frott*. Il-materjal tħejja minn komunità monastika femminili li hija wkoll ekumenika. Il-komunità hija dik ta' Grandchamp ġewwa l-Isvizzera, u tmur lura kważi disgħin sena. Għal aktar tagħrif dwar din il-komunità, kif ukoll dwar il-materjal li ħejjew, nistedinkom iżżuru dawn is-siti elettroniċi:

www.grandchamp.org

www.christianunity.va/content/unitacristiani/en/settimana-di-preghiera-per-l-unita/en.html

L-appell tiegħi hu, għal darb'oħra, li nkomplu nkabbru l-għarfien ekumeniku fost il-Poplu ta' Alla f'pajjiżna. Qabel ma faqqħet il-pandemija, konna qed naħsbu fuq proġett-pilota f'xi parroċċi, permezz ta' serje qasira ta' tliet laqgħat formattivi dwar l-ekumeniżmu. Però, il-pandemija ħassret dawn il-pjanijiet. Nittama li bil-koperazzjoni ta' bosta minnkom, inkunu nistgħu nwettqu dan il-proġett meta jkun il-waqt.

Fl-aħħarnett, l-appell tiegħi hu li nkomplu nħeġġu l-komunitajiet tagħna – dawk parrokkjali, dawk ta' ħajja konsagrata, kif ukoll gruppi lajkali – li nitolbu għall-għaqda fost l-Insara, mhux biss bejn it-18 u l-25 ta' Jannar, imma s-sena kollha. Jien ċert li dan ikun vaċċin spiritwali li jaħdem u li l-effetti tiegħu jibqgħu jinħassu fis-snin li ġejjin, aħna u nkomplu l-vjaġġ ekumeniku tagħna.



Mons. Hector Scerri
President, Kummissjoni Ekumenika Djoċesana

3 ta' Jannar 2021,
l-Epifanija tal-Mulej.

# Riflessjonijiet għal kull ġurnata waqt il-Ġimgħa ta' Talb għall-Għaqda fost l-Insara 2021

*imħejjija mis-Sur Jesmond Schembri*

Dawn ir-riflessjonijiet qosra li se jakkumpanjawna matul din il-Ġimgħa ta’ Talb għall-Għaqda fost l-Insara se jkunu imnebbħin mis-silta tal-Evanġelju li se tinqara matul il-quddies tal-ġurnata.

- *It-Tnejn, 18 ta’ Jannar 2021 – L-ewwel ġurnata (Mk 2: 18-22)*

Matul din l-ewwel ġurnata ta’ talb għall-għaqda fost l-insara, l-Evanġelju qed ifakkarna li permezz ta’ Ġesù, Alla qed issejħilna u jistedinna sabiex inbiddlu l-mod ta’ kif aħna nħarsu lejh. Qabel Ġesù, l-osservanza bir-reqqa tal-liġijiet u r-regoli tar-reliġjon Lhudija kienu l-mezz ewlieni kif wieħed kien ikun żgur li qed jagħmel ir-rieda t’Alla. Issa, bil-miġja tal-Iben t’Alla fis-sura ta’ bniedem, Alla qed isejħilna sabiex aħna nagħmlu r-rieda tiegħu “fl-ispirtu u l-verità” u bħala persuni li ġejna meħlusa bid-Demm ta’ Kristu. Din l-attitudni għandha wkoll tirrifletti ruħha wkoll fir-relazzjonijiet tagħna ma’ ħutna l-Insara l-oħra, membri ta’ Knejjes differenti. Ilkoll kemm aħna “l-ħbieb tal-Għarus” għaliex lkoll, b’mod jew ieħor, aħna membri tal-Knisja li hi l-Ġisem Mistiku ta’ Kristu u l-Għarusa tiegħu.

- *It-Tlieta, 19 ta’ Jannar 2021 – It-tieni ġurnata (Mk 2: 23-28)*

Illum, l-Evanġelju jkompli jistedinna biex napprofondixxu il-messaġġ li beda jwasslilna l-bieraħ. Illum Ġesù qed ikompli jisfidana sabiex bħala dixxipli tiegħu inkomplu nimmaturaw u nsiru tassew persuni ħielsa. Din il-maturità tikkonsisti f’li npoġġu lil Alla dejjem fl-ewwel post u nifhmu li l-liġijiet għandhom valur u siwi sakemm jagħmluna bnedmin aħjar, u jitilfu it-tifsira tagħhom meta jsiru piż li ijassar aktar milli li jeħles: “Is-Sibt kien magħmul għall-bniedem, u mhux il-bniedem

għas-Sibt". Din il-maturità ġewwinija għandha twassalna sabiex inkunu dejjem aktar miftuħin lejn insara oħrajn u li b'mod frekwenti nfittxu mumenti li fihom niltaqgħu magħhom u nsiru nafu aktar lil xulxin sabiex insiru tassew merħla waħda taħt Ragħaj wieħed.

- *L-Erbgħa, 20 ta' Jannar 2021 – It-tielet ġurnata (Mk 3: 1-6)*

Fl-Evanġelu tal-llum joħroġ ċar ħafna sentiment uman ferm negattiv, dak tal-għira. Minn naħa hemm Ġesù li minn kull fejn kien jgħaddi dejjem kien jagħmel il-ġid u minn naħa l-oħra kien hemm il-Fariżej li l-għira li kellhom għal Ġesù kienet tant kbira li wasslithom biex jiftiehmu mal-partit tal-Erodjani, li kienu rivali tagħhom, sabiex jeqirdu lil Ġesù. Dan is-sentiment huwa wieħed komuni wkoll fi żmienna. Il-mentalità ta' "aħna u huma", sfortunatament nsibuha wkoll f'ambjenti reliġjużi. Minflok ma nammiraw it-talenti u l-kapaċitajiet ta' ħaddiehor u nħarsu lejhom bħala rigali t'Alla lilna lkoll, isiru strument ta' firda. Fir-relazzjonijiet tagħna ma' nsara oħra, ejjew nwarrbu kull ħjiel ta' għira u naraw lilna nfusna li flimkien magħhom aħna parti mill-istess Ġisem Mistiku ta' Kristu.

- *Il-Ħamis, 21 ta' Jannar 2021 – Ir-rabà ġurnata (Mk 3: 7-12)*

Fl-Evanġejlu ta' San Mark, li qed naqraw minnu matul din is-sena liturġika, insibu diversi riferenzi fejn Ġesù ikkonfronta lix-xitan. Is-silta tal-lum hija waħda minnhom. It-taqbida bejn it-tajjeb u l-ħażin hija realtà li bħala nsara irridu ngħixu ta' kuljum fil-ħajja tagħna ta' kuljum. Dan jista' jwassal li nħossuna għajjiena u naqtgħu qalbna li xi darba it-tajjeb se jirbaħ. Iżda Ġesù f'mument ieħor qal lid-dixxipli tiegħu li x-xitan (li hu l-għajn ta' kull ħażen) jista' jiġi mirbuħ biss permezz tat-talb u s-sawm. It-talb għalhekk huwa l-għodda ewlenija biex bħala ġisem wieħed inkomplu f'din it-taqbida tat-tajjeb kontra l-ħażin. It-talb huwa wkoll mezz effettiv kif inkomplu inkabbru l-għaqda tagħna ma'

nsara oħrajn. Mhux biss nitolbu għalihom, iżda wkoll nitolbu magħhom lil Missierna li hu fis-smewwiet biex lilna lkoll jeħlisna minn kull deni u minn kull ħażen.

- *Il-Ġimgħa, 22 ta' Jannar 2021, San Publiju – Il-ħames ġurnata (Mt 25: 34-40)*

Illum il-Knisja f'Malta qed tfakkar lil San Publiju, li t-tradizzjoni tqisu bħala l-ewwel Isqof ta' Malta u għalhekk ħa ħsieb l-ewwel komunità nisranija li ħalla San Pawl wara n-nawfraġju tiegħu f'pajjiżna. F'din it-tifkira l-Knisja tipproponilna is-silta mill-Evanġelju ta' San Mattew li jitkellem dwar il-Ġudizzju Universali u l-kriterji użati mis-Sultan magħrufa bħala l-Opri tal-Ħniena. Dawn l-għemejjel huma biss possibli jekk aħna, bħal San Publiju, nħallu lilna nfusna ninbidlu tassew permezz tal-Kelma t'Alla. Dan isir meta aħna "nilbsu lil Kristu" u nibdew nirraġunaw f'kollox bħalu. Din il-bidla, jekk issir b'mod ġenwin, se tiftaħna wkoll dejjem aktar għal insara oħrajn u permezz tagħha nibdew naraw f'wiċċhom jiddi d-dawl ta' Kristu.

- *Is-Sibt, 23 ta' Jannar 2021 – Is-sitt ġurnata (Mk 3: 20-21)*

Fis-silta qasira li tinqara waqt il-quddiesa tal-llum insibu lil Ġesù li mhux qed ikun mifhum lanqas minn qrabatu, tant li dawn jaħsbu li "tilef moħħu". Li nkunu dixxipli ta' Ġesù ifisser wkoll li xi kultant dawk l-aktar qrib tagħna ma' jifhmuniex meta nfittxu li nfasslu ħajjitna fuq dik tiegħu. Dan ġarrbuh l-ewwel insara minn Knejjes differenti li kienu l-pijunieri tal-Moviment Ekumeniku. Dawk ta' madwarhom ma setgħux jifhmu kif minkejja mijiet ta' snin ta' firda u kundanni lil xulxin, dawn l-insara marru 'l hemm minn dak li kien jifridhom u minflok fittxew dak li kien jgħaqqadhom. Għal ħafna minn sħabhom dan kien sinjal li tilfu moħħhom, iżda għalihom din l-akkoljenza reċiproka kienet xhieda qawwija u reali tal-preżenza tal-Ispirtu Qaddis t'Alla li jonfoħ fejn irid mingħajr ħadd jista' jwaqqfu.

- *Il-Ħadd, 24 ta' Jannar 2021 – Is-seba' ġurnata (Mk 1: 14-20)*

Fis-silta mill-Bxara t-Tajba li xxandret illum, insibu s-sejħa tal-ewwel erbgħa minn dawk li kellhom ikunu t-Tnax, magħrufa wkoll bħala l-Appostli.  Din is-sejħa saret fl-isfond tal-messaġġ ta' Ġesù li s-saltna t'Alla waslet – l-istedina tiegħu kienet biex kulħadd jindem u jemmen fil-Bxara t-Tajba li Alla bagħat lil Ibnu l-waħdieni biex isalva d-dinja.  Qabel mar lura għand il-Missier, dan kien l-istess messaġġ li Ġesù ikkmanda lill-Appostli biex ixandru waqt li jgħammdu fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu.  Fl-Istqarrija tal-Fidi li jipprofessa kull nisrani, lkoll nistqarru it-twemmin tagħna fil-Knisja li hi "Appostolika", jiġifieri lkoll kemm aħna magħquda fit-twemmin wieħed li minkejja l-forom differenti li jista' jieħu, l-Knisja ta' Kristu, hija mibnija fuq pedament komuni: dak tal-Appostli li kienu xhieda mill-qrib ta' dak kollu li Ġesù qal u għamel.

- *It-Tnejn, 25 ta' Jannar 2021, Il-Konverżjoni ta' San Pawl – It-tmien ġurnata (Mk 16: 15-18)*

Qiegħedin nagħlqu din il-Ġimgħa ta' Talb għal-Għaqda fost l-Insara fil-festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl. L-esperjenza ta' San Pawl fi triq lejn Damasku kienet waħda tant qawwija li biddlitu b'mod li bilkemm baqa' jingħaraf.  Fir-realtà Sawlu ma kienx bniedem ħażin.  Kien iħobb lil Alla b'qalbu kollha u b'ruħu kollha bħal kull raġel Lhudi li kien jimxi b'reqqa mal-liġijiet tar-Rabta l-Qadima.  Iżda il-bidla f'San Pawl ġrat għaliex kellu laqgħa tant qawwija u intima ma' Kristu, li bħala konsegwenza tagħha beda jqis kollox bħala knis meta mqabbel mal-imħabba ta' Kristu.  U għax kellu din l-esperjenza ta' Kristu, xejn u ħadd ma waqqfu li jmur fid-dinja kollha ixandar l-Evanġelju lill-ħolqien kollu li fil-milja taż-żminijiet kollu se jinġabar taħt Ras waħda li hu Kristu.  L-għaqda fost l-Insara, li tlabna għaliha b'tant ħerqa matul din il-ġimgħa, hija mela sinjal qawwi u konkret ta' dak li se jiġri fl-aħħar taż-żminijiet.

# TALBIET TA’ MAĦFRA 2021

*imħejjija minn Dun Aurelio Mulè Stagno S.D.B.*

**Sensiela A**

- Int id-dielja tassew, aħna l-friegħi, **Mulej, ħniena**.
- Int tistedinna ngħammru fik kif inti tgħammar fina, **Kristu, ħniena**.
- Int tħalli l-Missier jiżbor fina dak li ma jagħtix frott ta’ għaqda ma’ ħutna l-insara, **Mulej, ħniena**.

**Sensiela B**

- Iben il-Waħdieni, li għarraftna dak kollu li smajt mgħand il-Missier, **Mulej, ħniena**.
- Iben il-Bniedem, li ma ssejħilniex qaddejja iżda ħbieb, **Kristu, ħniena**.
- Mgħallem tagħna, int għażiltna u ħtartna sabiex nagħmlu ħafna frott, **Mulej, ħniena**.

TALB TAL-MIĠEMGĦA NISRANIJA

*imħejji mill-Papas Martin R. Zammit*

1. O Mulej, Missier Qaddis, Ibnek Ġesù fl-Evanġelju jgħallimna li jeħtieġ nibqgħu f'imħabbtu. Ħeġġeġ lill-Insara kollha sabiex, magħqudin, nibqgħu għal dejjem f'imħabbet Ibnek l-għażiż, u b'hekk nagħmlu ħafna frott. Nitolbu.

2. O Mulej, Missier Qaddis, Ibnek Ġesù huwa r-Ragħaj it-tajjeb li jrid jara n-nagħaġ tiegħu miġbura f'merħla waħda. Bil-qawwa tal-Ispirtu Qaddis tiegħek, ġib fix-xejn il-firdiet bejn l-Insara u erġa' ħabbibhom u għaqqadhom. B'hekk id-dinja tagħraf li Ġesù Kristu hu l-Mibgħut tiegħek. Nitolbu.

3. O Mulej, Missier Qaddis, ma nistgħux nippretendu li noqorbu dejjem aktar lejk mingħajr, fl-istess ħin, ma nfittxu li noqorbu lejn l-Insara l-oħra mifrudin minna. Bil-qawwa tal-Ispirtu Qaddis tiegħek, sewwi l-firdiet ta' bejnietna u ġib l-għaqda fostna. Nitolbu.

4. O Mulej, Missier Qaddis, sawwab fi qlub l-Insara l-imħabba li għallimna Ibnek Ġesù, sabiex f'għaqda sħiħa, nkunu għajn ta' tama għad-dinja kollha.

5. O Mulej, Missier Qaddis, agħmel li l-Insara kollha jkunu ħaġa waħda f'Ibnek Ġesù Kristu. B'hekk nagħrfu li aħna lkoll aħwa, u membri sħaħ fil-Ġisem mistiku ta' Kristu. Nitolbu.

6. O Mulej, Missier Qaddis, Int li tiġbor għalik dielja waħda f'Ibnek Ġesù, agħmel li l-Ispirtu tal-imħabba tiegħek jgħammar fina u jħeġġiġna biex infittxu l-għaqda ma' ħutna l-Insara li ma jinsabux f'għaqda sħiħa magħna. Nitolbu.

7. O Mulej, Missier Qaddis, Int ħlaqt lill-bniedem fix-xbieha u s-sura tiegħek. Int tajtu d-don li jfisser il-fidi tiegħu skont it-tradizzjonijiet etniċi u kulturali tiegħu. Għinna napprezzaw il-ġmiel tal-varjetà u d-diversità tal-komunitajiet Insara mxerrda mad-dinja kollha, huma u jesprimu twemmin Nisrani wieħed. Nitolbu.

8. O Mulej, Missier Qaddis, sawwab fuqna l-Insara l-ispirtu ta' rikonċiljazzjoni ma' ħutna l-Insara ta' knejjes oħra. Saħħaħ fina r-rieda li ninsew it-tilwim tal-imgħoddi, li negħlbu d-differenzi ta' bejnietna, u li dejjem infittxu l-għaqda. B'hekk inkunu tabilħaqq ġisem wieħed fi Kristu Ġesù Sidna. Nitolbu.

Siti utli għal tagħrif ekumeniku:

www.prounione.it/en/

www.atonementfriars.org/ecumenical-interfaith-dialogue/

www.christianunity.va/content/unitacristiani/en.html#page

www.monasterodibose.it/

www.maltapfi.org/course.php?c=The+search+for+Christian+unity&i=19